

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2018 – Agrochem-Maks vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-574/18)

(2018/C 427/122)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Agrochem-Maks d.o.o. (Zagreb, il-Kroazja) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tannulla r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1019 (<sup>1</sup>);
- tikkundanna lill-konvenuta tbat i-spejjeż tagħha kif ukoll dawk imġarrba mir-rikorrenti fil-kuntest ta' din il-proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu tal-amministrazzjoni li timmotiva d-deċiżjonijiet tagħha skont l-Artikolu 41 (2)(c) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 6(f) jew tal-punt 2.2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 (<sup>2</sup>) u tal-prinċipju ta' proporzjonalità, għal dak li jikkonċerna l-allegati lakuni fid-data dwar is-sustanza attiva li għaliha qed tintalab l-approavzzjoni.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq applikazzjoni żbaljata tal-prinċipju ta' prekawzjoni għal dak li jikkonċerna l-allegati punti li ma setgħux jiġi ffinalizzati fil-kuntest tal-evalwazzjoni tar-riskji.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għal dak li jikkonċerna l-identifikazzjoni ta' riskju għoli għall-organiżmi akwatiċi.

(<sup>1</sup>) Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1019 tat-18 ta' Lulju 2018 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tigħid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva oksasulfuron, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU 2018, L 183, p. 14).

(<sup>2</sup>) Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU 2009, L 309, p. 1).

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Settembru 2018 – Shore Capital International vs EUIPO – Circle Imperium (The Inner Circle)**

(Kawża T-575/18)

(2018/C 427/123)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Shore Capital International Ltd (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Spieker, A. Schönfleisch u N. Willich, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Circle Imperium BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenjuža: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenjuža kkonċernata: ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-trade mark The Inner Circle – Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea Nru 1 266 666.

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Ġunju 2018 fil-Każ R 1402/2017-1

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġeneral i jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn tiċħad l-appell tar-rikorrenti kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-konvenut tas-26 ta' April 2017, u għalhekk tilqa' l-applikazzjoni tal-proprietarju tar-reġistrazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tat-trade mark internazzjonali "The Inner Circle" (Nru 1 266 666) fl-Unjoni Ewropea fil-klassi 41;
- tikkundanna lill-proprietarju tar-reġistrazzjoni internazzjonali u lill-konvenut għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż neċċesarji sostnui mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

### Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2018 – Boxer Barcelona vs EUIPO – X-Technology Swiss (XBOXER)**

**(Kawża T-582/18)**

**(2018/C 427/124)**

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

Rikorrenti: Boxer Barcelona, SL (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: A. Canela Giménez, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell: X-Technology Swiss GmbH (Wollerau, l-Isvizzera)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenjuža: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġeneral